



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 185/23

Il-Lussemburgu, 5 ta' Diċembru 2023

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-128/22 | NORDIC INFO

Covid-19: il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma l-validità ta' ċerti projbizzjonijiet ta' vjaġġar u ta' obbligi ta' skrinjar u ta' kwarantina matul il-kriżi sanitarja

F'sitwazzjoni ta' pandemija, Stat Membru jista' jipprojbixxi l-vjaġġi mhux essenzjali lejn Stati Membri oħra kklassifikati bħala żoni b'riskju għoli abbażi tas-sitwazzjoni sanitarja li jkun hemm fih. Stat Membru jista' anki jobbliga lill-persuni li jidħlu fit-territorju tiegħu jwettqu testijiet ta' skrinjar u josservaw kwarantina. Madankollu, dawn ir-regoli għandhom ikunu ssostanzjati, ċari, preċiżi, mhux diskriminatorji u proporzjonati. Barra minn hekk, huma għandhom ikunu jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors.

F'Marzu 2020, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) ikklassifikat l-epidemija tal-Covid-19 bħala pandemija. Il-Belġju għalhekk ipprojbixxa l-vjaġġi mhux essenzjali lejn jew minn pajjiżi kklassifikati bħala "żoni ħomor" minħabba s-sitwazzjoni sanitarja li kien hemm fihom. Barra minn hekk, kull vjaġġatur minn tali pajjiżi kellu jwettaq test ta' skrinjar u josserva kwarantina. F'Lulju 2020, l-Isvezja ġiet ikklassifikata, għal perijodu qasir, bħala "żona ħamra" mill-awtoritajiet Belġjani.

B'konsegwenza ta' din il-klassifikazzjoni, NORDIC INFO, aġenzija speċjalizzata fil-vjaġġi fl-Iskandinavja, ikkanċellat il-vjaġġi kollha previsti bejn il-Belġju u l-Isvezja. Hija sussegwentement talbet kumpens għad-dannu kkawżat minħabba f'hekk. Qorti Belġjana staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk id-dritt tal-Unjoni kienx jipprekludi l-leġiżlazzjoni Belġjana.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li Stat Membru jista', għall-finijiet tal-ġlieda kontra pandemija bħalma kienet dik tal-Covid-19, jipprojbixxi l-vjaġġi mhux essenzjali lejn jew minn Stati Membri oħra kklassifikati bħala "żoni ħomor". Huwa jista' anki jobbliga lill-persuni li jidħlu fit-territorju tiegħu jwettqu testijiet ta' skrinjar u josservaw kwarantina.

Dawn il-miżuri, li jirrestrinġu l-moviment liberu fi ħdan l-Unjoni Ewropea, jistgħu jiġu stabbiliti permezz ta' leġiżlazzjoni ta' portata ġenerali. **Tali leġiżlazzjoni, madankollu, għandha tkun issostanzjata u għandha tinkludi regoli ċari u preċiżi li l-applikazzjoni tagħhom tkun prevedibbli għaċ-ċittadini.** Barra minn hekk, hija ma għandhiex tkun diskriminatorja u għandha tkun tista' tiġi kkontestata fil-kuntest ta' rikors ġudizzjarju jew amministrattiv.

Barra minn hekk, tali restrizzjonijiet tal-moviment liberu għandhom josservaw il-prinċipju ta' proporzjonalità. Huma għalhekk għandhom ikunu xierqa sabiex jintlaħaq l-għan ta' saħħa pubblika mfittex, għandhom ikunu limitati għal dak li jkun strettament meħtieġ u ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla ma' dan l-għan, evalwazzjoni din li timplika bbilanċjar bejn l-importanza ta' dan l-għan u l-gravità tal-indhila fid-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni kkonċernati.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa

quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, jekk ikun il-każ, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!

